# Karmensita

*Ta'* Ġużè' Ellul

IL-LUM x'aktarx insejtni—u ma nlumekx.

X'għandek xi jfakkrek fija għajr ħsieb, li minn dak in-nhar li itqajt miegħek u ma rajtekx aktar, min jaf kemm-il darba tar għal ħdejk, kemm dar miegħek, kemm żiegħel bik, kemm faw-war bil-bews lill-qrolli fommok, kemm tgħaxxaq bis-sbieħ għaj-nejk, kemm tħenna jħares lejn ġbinek li jilma d-dehen li bih int imżejna!?

Karmensita — ħallini nsejjaħlek b'dan l-isem ħelu li bħal-ma taf int, ifakkarni f'lejla li ninsa ma nista' qatt; f'lejla li fiha ħsebijietna ltaqgħu, f'lejla li fiha, mill-bogħod, qlubna ħabbtu taħbita waħda u mxew flimkien fl-isqaqijiet ħelwin ta' l-imħab-ba; f'lejla li fiha, għal darba waħda biss, int urejtni li ntbaħt u li taf li għandek qalb oħra mjassra għal wara tiegħek bil-qawwa tal-għaġeb li biha l-imħabba taf tjassar qalb.

Karmensita — titbissimx u tiftaħx fommok, jekk qatt għaj-nejk is-sbieħ imorru fuq dan il-ħżuż li għajrek ma jifhmu ħadd; żommu f'qalbek; għożżu u la xxandrux. Dan hu tiegħek biss. Żommu bħala tifkira għażiża u qaddisa ta' qalb safja li ħabbitek, mingħajr ma tniffset, fil-ħemda u fis-sikta tan-niket tagħha; ta' qalb li ħabbitek aktar minn kemm-il qalb oħra tista' tħobbok, la darba kienet taf li tiegħek ma tista' tkun qatt.

Karmensita — ħolqien xieraq għall-bews u għall-imħabba ta' l-anġli! Jekk qatt għajnejk jaqgħu fuq dawn il-ħżuż, la tkas-brux b'kelma waħda. Itboq fommok! Ixxandarx ir-rebħa tiegħek fuq qalb oħra; iżda għożżu bħala moħba għażiża ta' qalb li ġar-rbet ħafna mħabba fik!

Karmensita — għalija l-aktar tifkira ħelwa u l-egħżeż fost kollha, issa li għedtlek kemm ħabbejtek—u kif jista' min jarak darba ma jħobbokx?—tkasbarnix; tiddieħekx bija; tħallix oħ-rajn għajrek isiru jafu li sraqtli 'l qalbi; u sakemm tibqa' ma tinsinix għal kollox, tħalli 'l ħadd ikun jaf kemm ħabbek dak li issa qed isejjaħlek, u bir-raġun, bl-isem ħelu ta' Karmensita.